**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-01 ta' Marzu, 2019**

**Talba Numru: 571/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 17.**

**JAV Service Station Limited (C-2964)**

**246, Mdina Road**

**Qormi**

**Vs**

**Peter Grima (K.I. 547681M)**

**Blk B Flat 6,**

**Triq l-Indipendenza,**

**Zebbug**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Dicembru, 2018 li permezz tieghu talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmenin ewro u tletin centezmu (€780.30c).

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u kif ukoll bl-Avviz tas-seduta huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie prezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici prezentata fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2019 li permezz taghha nfurmat lil dan it-Tribunal li fil-mori fil-konvenut hallas mitejn ewro (€200) akkont u ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' hames mija u tmenin ewro u tletin centezmu (€580.30c).

Semgha rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-bilanc ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ghaldaqstant peress li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmenin ewro u tletin centezmu (€580.30c) bilanc ta' somma akbar bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentanta tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2283/18 a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**